**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Alfred Falzon**

**Kumpilazzjoni Numru: 35/16**

**Illum, 2 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 663551(M).

Akkuzat talli:

> Fix-xahar ta' April 2015, u zminijiet differenti qabel f'dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, ikella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skrittura kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
>
> Ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;
>
> Ukoll talli fl-istess cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innffsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument/i ohra falsifikat/i; u

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 183, 184, 187, 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat aghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta u stante illi mit-tieni (2) sal-hames (5) akkuza huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza, qieghda ssib lill-imputat Alfred Falzon hati ta' dawn l-akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Kap. 9 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin.

Finalment, spjegat lill-imputat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**